TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 524/10

**Roselyn Micallef**
**vs**
**Glen Vella**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u tmenin ewro (€580), rappreżentanti prezz li ħallset sabiex jitneħħa s-sadid u jsir xogħol ta' spray fuq il-vettura, liema sadid reġa' ħareġ.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet il-vettura tagħha għand l-intimat sabiex jitneħħa s-sadid u jsir xogħol ta' spray fuq il-vettura u dan sar f'Marzu 2010. F'Settembru 2010 reġa' ħareġ is-sadid fl-istess postijiet fuq il-vettura.

L-intimat issottometta illi ma jagħtix garanzija fuq is-sadid u li ġara ma kienx it-tort tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma ppreżentax risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratti, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli stante li wara sitt xhur m'għandux għalfejn joħroġ is-sadid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħames mija u tmenin ewro (€580), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX (+356) 21239888